**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq Il-Profs Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012
----------------------------------------
**KUMITAT AMMINISTRATTIV IX-XLENDI**

**1.00 Laqgħa Numru KAX 18-2015**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tlieta, 20 t'Ottubru 2015, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kumitat iltaqa' fil-5.10 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Mark Anthony Busuttil - *Chairperson.*
Is-Sinjorina Charmaine Vella - Viċi *Chairperson.*
Is-Sinjura Joselle Camilleri - Membru.
Is-Sur Patrick Grima - Membru.
Is-Sur Saviour Xiberras - Membru.

Is-Sinjura Carmen Said - Sindku.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

1.04 Il-Kumitat segwa l-Aġenda li ntbagħtet fit-13 t'Ottubru 2015.

1. Approvazzjoni tal-Minuti.
2. Xogħlijiet fix-Xlendi.
3. Skema Inizjattivi Kulturali 2015-2018.
4. Tiżjin tal-Milied fix-Xlendi.
5. Rapport tas-Sindku.
6. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
7. Mistoqsijiet mill-membri.
8. Materji oħra.

1.05 Ġew approvati l-Minuti tal-laqgħa KAX 17-2015.

**2.00 Xogħlijiet fix-Xlendi.**

2.01 Qed titkompla l-bankina matul it-triq kollha fi Triq ir-Rumani, Ix-Xlendi. Il-palm tal-*Parking* tax-Xlendi ġew *treated* sabiex jiġi evitat li jkomplu jmutu aktar palm. Ser issir tabella fil-bokka tal-Wied tax-Xlendi peress li meta tagħmel ħafna xita, il-karozzi li jkun hemm ipparkjati hemm jistgħu jitkaxkru mill-ilma tal-wied.
Qed ikun propost li l-*bollards* li ser isiru mal-pedistall tal-istatwa ta' Sant'Indrija jsiru mill-Ministeru għal Għawdex.
Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħed f'kuntatt ma' sid it-trakk li waqa' għal ġol-Wied tal-Kantra sabiex isewwi r-*railing* li kisser fl-inċident.
L-iskips li hemm fil-*Parking* tax-Xlendi qegħdin kull darba jitħarrku mis-sidien tagħhom. Reġgħu tpoġġew man-naħa tal-qasab tal-wied u s-sid ġie l-Kunsill sabiex jilmenta. Huwa ntalab ikellem lis-sidien rispettivi ta' dawn l-iskips *on wheels*.

**3.00 Skema Inizjattivi Kulturali 2015-2018.**

3.01 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta, flimkien mal-Valletta 2018 Foundation nedew skema li permezz tagħha ser tingħata għajnuna sabiex jiġu organizzati attivitajiet kulturali fil-lokalità. Din l-iskema hija mmirata biex tinċentiva lill-Kunsilli Lokali sabiex jieħdu inizjattivi favur l-iżvilupp kulturali billi fost l-oħrajn jippromovu attivitajiet artistiċi u kulturali bil-parteċipazzjoni ta' artisti, artiġjani u għaqdiet kulturali lokali. Qed issir enfasi iktar qawwija fuq dawk il-proġetti li jistgħu jgħinu lil-lokalitajiet jibnu programm kulturali li jwassal għas-sena meta Malta u Għawdex ser ikunu qed jospitaw il-Belt Kulturali Ewropea fl-2018.
Il-Kumitat beda jiddiskuti dwar żewġ attivitajiet li jistgħu jkunu ffinanzjati minn din l-iskema. L-attività li tkun tikkonsisti f'kalendarju ta' attivitajiet għal matul ix-xhur tas-sajf bħalma sar fis-snin l-imgħoddija u attività oħra bl-isem 'Festival tal-Ħelu'. Dan il-*festival* jista' jsir fis-17 ta' April 2016, mill-10 ta' filgħodu sa tard filgħaxija. Il-Kumitat kien ser jerġa' jiltaqa' dwar dan.

**4.00 Tiżjin tal-Milied fix-Xlendi.**

4.01 Il-Kumitat beda jiddiskuti dwar it-tiżjin tal-Milied fix-Xlendi. Bħas-sena l-oħra, ser jerġgħu jsiru *fairy lights* mal-palm fi Triq ir-Rabat, issir l-istilla u jinxtara festun bil-bozoz tal-Milied u jitwaħħal mal-fanali fi Triq San Xmun. Ser jinxtraw xi armaturi u jitwaħħlu mal-palm fil-*Parking* tax-Xlendi.

**5.00 Rapport tas-Sindku.**

5.01 Ir-rapport tas-Sindku sar f'*item* 2.01 – Xogħlijiet fix-Xlendi.

**6.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

6.01 Il-Kumitat irċieva mingħand sid ta' stabbiliment tal-ikel Paradise Restaurant fejn qed jitolbu *No Objection* sabiex issir tinda fuq il-bankina sabiex isir dell fuq l-imwejjed ta' barra.
Il-Kumitat ma jsib l-ebda oġġezzjoni basta ma jissaqqafx il-passaġġ minn fejn se jgħaddi l-pubbliku.

6.02 Il-Kumitat irċieva mingħand il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità rigward in-nuqqas ta' aċċessibilità fil-Bajja tax-Xlendi. Huma qed iwasslu lment li rċevew li jgħid li n-nuqqas ta' aċċessibilità teżisti minħabba l-fatt li l-lukandi u r-ristoranti ta' madwar il-baħar ipoġġu l-imwejjed u s-siġġijiet eżattament maċ-ċint ta' mal-baħar u f'temp ta' kesħa u xita dawn jagħlqu bi *plastic* l-*area* kollha, biex ikun hemm kenn għall-klijenti tagħhom, bil-konsegwenza li l-baħar tkun tista' tarah biss minn ġol-*plastic* u min-naħa l-oħra tat-triq. B'hekk il-baħar/il-bajja ma tistax titgawda minn fuq l-art minħabba li persuna ma tistax toqgħod ħdejn iċ-ċint li jħares direttament fuq il-baħar. L-imwejjed tar-ristoranti m'għandhomx jitpoġġew eżatt mal-baħar sabiex iħallu spazju għall-pubbliku biex jgħaddi u jippassiġġa man-naħa tal-baħar għax b'hekk biss wieħed ikun jista' jgawdi l-baħar/il-bajja, hu min hu u għandu x'għandu. Il-pubbliku in ġenerali għandu jkollu l-aċċess min-naħa tal-baħar u mhux min-naħa l-oħra tat-triq, kif inhi s-sitwazzjoni preżenti. Bħalissa l-MEPA flimkien ma' numru ta' entitajiet pubbliċi nedew *policy* għall-imwejjed u siġġijiet għall-konsultazzjoni tal-pubbliku. Jekk din il-*policy* tiġi approvata, il-MEPA ser tkun f'pożizzjoni aħjar li tirregola u tinforza. Jekk trid, il-KNPD tista' tagħmel proposta u tirrimarka dwar din il-*policy*.

6.03 Il-Kumitat irċieva ittra mingħand residenta fi Triq ir-Rumani rigward siġra kbira li kienet qed toħroġ fuq it-triq. Wara li interviena ċ-*Chairperson*, din is-siġra nqatgħet u tneħħa kull periklu.

**7.00 Mistoqsijiet mill-membri.**

7.01 Iċ-*Chairperson* ġab stima u *sample* tal-madum għall-passaġġ ta' quddiem iċ-Churchill Bar & Restaurant. Ġie deċiż li għalissa ma jitranġax peress li hemm xi xogħlijiet li ser isiru fi stabbilimenti tal-viċin.

Huwa informa lill-Kumitat li l-lista ta' dawk il-persuni li applikaw għall-kors ta' *diving* għall-*beginners* ingħatat lil Utina u Moby Dives.

7.02 Is-Sur Saviour Xiberras ġibed l-attenzjoni tal-Kumitat li hemm post fejn tista' ssir lampa ġdida fi Triq l-Għar ta' Karolina. Peress li din ma saritx qabel, għaliex is-sid kien qed jirrifjuta, issa hemm il-possibilità li titwaħħal. Huwa ntalab jieħu ritratt ta' fejn ser titwaħħal il-bozza.

Fi Triq il-Puniċi hemm *wires* tad-dawl li huma fil-baxx u jridu jitranġaw. Ser jittieħed ritratt ta' dawn il-*wires.*

**8.00 Materji oħra.**

8.01 Is-Sindku staqsiet liċ-*Chairperson* jekk kienx hemm xi żviluppi mingħand is-Sur Salvu Mallia dwar dak il-programm li kien interessat li jagħmel dwar Ix-Xlendi u Il-Munxar. Huwa wieġeb li ma kienx hemm l-ebda żviluppi dwar dan.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.00 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 17 ta' Novembru 2015, fil-5.00 ta' filgħaxija.

**Mark Busuttil**
***Chairperson.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***